MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 102/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru: 102/2008 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**George Pulicino**
**(ID 263464M)**

**vs**

**Alexander Farrugia u**
**Joseph Said**

**Il-Qorti**

Rat l-avvizipprezentat fis-26 ta' Frar 2008 fejn r-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu intitolat "*Mill-Investigazzjoni tal-Puluzija dwar il-kaz ta' David Agius ..... Pullicino, Abela msemmija b'rabta ma korruzjoni*" ippubblikat fit-Torca ta’ l-24 ta' Frar 2008, li tieghu il-konvenut Farrugia huwa l-editur u li fih allegatament hemm stqarrija guramentata tal-konvenut l-iehor Said, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk tikkundanna lill-intimati ihallsu lill-attur dik is-somma li tiddetermina din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni

Rat ir-risposta ta' Joseph Said ipprezentata fl-24 ta' Marzu 2008 fejn laqgha ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu billi qal li:-

1. Illi huwa ma ppubblika l-ebda artikolu kif qieghed jallega l-attur;

2. Illi l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu;

3. Illi l-pubblikazzjoni tikkontjeni dikjarazzjonijiet tal-konvenut li ta' lill-Pulizija fil-privat u ghalhekk huma privileggjati, huma dikjarazzjonijiet mehudha minn stqarrija illi huwa ghamel lill-Pulizija u li kienu parti minn investigazzjoni tal-Pulizija

Rat ir-risposta ta' Alexander Farrugia ipprezentata fil-15 ta' April 2008 fejn laqgha ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu billi qal:-

1. Illi l-esponenti wasslu lill-pubbliku ‘fair information on a matter of public interest as contrasted with an interest

which is due to idle curiosity or a desire for gossip' – Gatley kif kkwotat b'approvazzjoni f'App Civ 382/91GCD Dr. Austin Gatt noe vs Onor Tony Nicholl dec 06.10.99. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ziedet li:-"Hi tal-fehma li din l-Qorti li l-editur tal-gurnal kien obbligat li jwassal, fil-qadi tad-doveri tieghu li jipprovdi servizz ta' ahbarijiet, li jkun qed jigri fil-hajja pubblika tal-pajjiz";

2. Differenti kien ikun il-kaz kieku t-taghrif ma kellu ebda 'informational value whatsoever for society' (ECHR Katamadze vs Georgia – no 69857/01 dec 14.02.2006);

3. Illi 'n segwitu ghal inseriment fil-Kap 248 tal-Parti VI taht ir-ras 'JOURNALISTIC FREEDOMS' permezz tal-Att X tal-1996 il-ligi kkonoxxiet specifikament 'the importance of the role of the media in a democratic society'. Dan b'kuntrast ma dak li kien jinghad qabel fil-gurisprudenza taghna li l-gurnalist ma kien, waqt li qed jaghmel xoghol, xejn izjed u xejn inqas minn cittadini ohra. L-esponenti bil-kitba/taghrif in kwisjtoni ma ghamlu xejn aktar hlief qdew d-dover taghhom f'socjeta demokratika;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna ippubblikat fil-gazzetta It-Torca fil-harga taghha ta' l-24 ta' Frar 2008 intitolat "*Mill- investigazzjoni tal-pulizija dwar il-kaz ta' David Agius ..... Pullicino, Abela msemmija b'rabta ma' korruzzjoni*".

Rat ix-xhieda tar-rikorrent **George Pullicino** moghtija in viva voce fit-8 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda ta' l-Ispettur **Angelo Gafa** moghtija fit-23 ta' Ottubru 2008 fejn fiha pprezenta zewg stqarrijiet illi saru fil-presenza tieghu mill-intimat Joseph Said fl-20 u 22 ta' Frar 2008 in konnessjoni ma' investigazzjoni tal-Pulizija li saret wara email illi l-istess Joeph Said kien baghat lill-David Agius intitolata "Time is up" u indirizzata wkoll lill-Prim Ministru, Kap tal-Opposizzjoni u Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Said** moghtija in viva voce fit-13 ta' Novembru 2008.

Rat illi fid-9 ta' Marzu 2009 ir-rikorrent iddikjara illi ma fadallux aktar provi x'jipprezenta.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2009 l-intimat Joseph Said iddikjara illi ma fadallux aktar provi x'jipprezenta.

Rat ix-xhieda ta' **Alexander Farrugia** moghtija in viva voce fit-23 ta' Novembru 2010.

Rat l-atti, dokumenti u sentenzi kollha esebiti mill-partijiet

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2011 il-kawza giet trattata mill-partijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda illi ta' r-rikorrent, huwa stqarr li hassu malafamat b'dak li inkiteb ghax l-artikolu meritu tal-kawza odjerna kien intitolat "Pullicino, Abela msemmija rabta ma' korruzzjoni" u l-kontenut ta’ l-artikolu kien qieghed jallega illi huwa kien involut f'korruzzjoni. Huwa cahad illi qatt ircieva flus biex itella xi applikazzjoni il-Kabinett, kif kien qed jigi allegat, u ta' dan huwa talab lill-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz u dana gharrfu illi, wara investigazzjoni, ma irrizulta ebda att ta' korruzzjoni. Madanakollu, huwa stqarr illi, peress li l-artikolu in kwistjoni gie ppubblikat gimghatejn qabel l-elezzjoni generali, saritlu hsara u gie ingurjat u malafamat.

Minn naha l-ohra, Alexander Farrugia stqarr illi, bhala editur tal-gazzetta it-Torca, huwa kien, fil-gimgha ta' qabel, hareg artikolu illi tirrigwarda konversazzjoni illi saret, wara programm televiziv fuq Smash Television, bejn l-intimat Joseph Said u David Agius, liema konverzazzjoni kien tahielu Said stess. Dina kienet eventwalment meritu ta' kawza ta' libell li giet deciza fi stadju ta’ l-Appell u li lliberatu minn kull responsabbilta'.

Sussegwentement ghal dana l-artikolu, Said kien mar jirrakkonta dak li kellu jghid lill-Pulizija u, minn sorsi illi ghandu l-istess intimat, huwa ottjena kopja ta’ l-istqarrija illi Said kien ghamel mal-Pulizija. Peress illi hass li tali materjal kien ta' interess pubbliku, huwa irrapporta fedelment x'kien intqal fil-konversazzjoni ta' Said, u fejn semma korruzzjoni, dana ghamlu ghax Said kien qal hekk.

Farrugia ikkonferma illi ma kienx Joseph Said li ghaddhielu l-istqarrija li kienet saret mal-Pulizija u kompla jghid ukoll li qabel ma ppubblika l-artikolu meritu tal-kaz odjern, huwa ma kellimx lill Said.

L-intimat Joseph Said, fix-xhieda tieghu, stqarr illi huwa minnu illi kien mar jaghmel statement mal-Pulizija, u dana ma’ l-Ispettur Angelo Gafa, li deher anke il-Qorti jikkonferma tali fatt u jipprezenta tali statements, izda l-istess Said sahaq li huwa qatt ma ghadda tali statements lit-Torca u dwar l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, l-intimat Farrugia qatt ma kellmu.

**Ikkunsidrat**

Illi bl-introduzzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem, tali drittijiet gew inkluzi fl-ordinament guridiku Malti u llum il-Qrati taghna mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak illi hemm f'dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni izda wkoll il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani (Angelo Fenech pro et noe. vs Carmelo Callus et. App. Civili 04.02.1994). Tali gurisprudenza kompliet twessa l-kritika ammissibbli kif ukoll il-liberta` ta' espressjoni biex ikun aktar konformi mal-kurrenti demokratici ewropej.

In fatti, il-kaz “Lingens vs Austria (1986)” ghandu jitqies bhala l-“bench mark” ghal decizjonijiet li fihom jinvolvu kummenti rigward persuni pubblici jew politici. Fost affarijiet ohra din il-kawza qalet

*“the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevidably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and public at large .........”.*

Il-Qrati ta' Malta assikuraw illi josservaw dan l-insenjament u dejjem sahhew fuq

*“il-bilanc illi kellu jkun hemm bejn l-interess ta' l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu u l-interess pubbliku illi jkun infurmat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika”*
(Perit Duminku Mintoff vs Joe Brincat et. Qorti Kostituzzjonali 08.01.2001).

Il-Qrati sahqu wkoll illi

*“the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician than as regards a private individual”*

(Vincent Borg vs Victor Camilleri et. App. Civili 08.11.1994).

Hu stabbilit kwindi illi persuna pubblika jew fil-politika ghanda tissaporti kritika ferm aktar gholja minn persuna privata izda tqum id-domanda safejn din il-kritika tista` tinciedi fuq il-hajja privata tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-eccezzjonijiet li ghamel l-intimat Said huma tlieta, izda ikun opportun illi, l-ewwel u qabel kollox, tqis l-ewwel eccezzjoni tieghu, ossija li l-intimat ma ppubblika ebda artikolu.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Alexander Farrugia illi huwa ma inghata ebda stqarrija minghand Said, u dawna huwa

gabhom minn sorsi illi huwa ghandu. L-istess Farrugia ikompli jghid illi meta ippubblika l-istorja, huwa ma kkomunikax ma’ l-intimat Said. Minn naha l-ohra, Said ikkonferma illi huwa ma ghaddhiex l-istqarrija li ta' lill-Pulizija Farrugia u huwa bl-ebda mod ma' gie mistoqsi jaghti informazzjoni dwar l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat Farrugia stqarr illi huwa kien investiga l-kaz wara li kien hemm programm fuq l-istazzjon tat-televizjoni Smash TV u huwa kien il-persuna illi kiteb l-artikolu.

Ghalhekk, jirrizulta illi attwalment ma huwiex l-intimat Said li kiteb l-artikolu meritu tal-kaz odjern, izda huwa l-intimat Alexander Farrugia li huwa responsabbli ta’ l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

L-artikolu 23 tal-Kap 248 jipprovdi is-segwenti:-

*L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*

*(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għalhekk;*
*(b) l-editur; jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
*(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Illi, il-Qorti ghandha d-dubji serji taghha dwar il-kredibilita' ta' Joseph Said, peress illi huwa difficili illi hija temmen li Farrugia ma gabx l-istqarrija minghand Said stess, u dana qed jinghad ghax il-Qorti trid temmen illi fil-Korp tal-Pulizija u partikolarment fil-membri tal-Pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni li wasslet ghall-istqarrija ta' Said, ghad hemm bizzejjed dekor u attakkament lejn id-doveri taghhom bhala Pulizija tant illi ma jghaddux lill-gurnalisti informazzjoni privata dwar stharrig illi huma jkunu qed jaghmlu.

Illi, apparti minn hekk, harsa lejn il-kontenut ta’ l-istqarrija, u partikolarment lejn il-fatt illi huwa ghazel illi jerggha imur ghand il-Pulizija wara jumejn sabiex jaghmel xi korrezzjonijiet illi, meta tqishom, huma korrezzjonijiet trivjali u dettati minn persuna li certament ma tistax titqies bis-serjeta, lkoll juru illi dak li kien qieghed jallega l-intimat Said kien kollu kastelli fl-arja, u frott tal-fantasija tieghu.

Illi, madnakollu, minkejja tali dubju serju dwar il-karattru u l-kredibilita' ta' Said, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi, la darba l-intimat Joseph Said jidher illi ma jinkwadrawx f'wiehed mit-tlett persuni indikati fl-artikolu 23 tal-Kap 248, ghalhekk l-azzjoni ittentat mir-rikorrent, kif redatta, ma setghetx issir fil-konfront ta’ l-intimat Said, u ghalhekk tali eccezzjoni ikollha tigi milqugha.

Illi, la darba tali eccezzjoni qieghda tintlaqa, ghall-ahjar ekonomija tal-gudizzju, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra ta' Said.

**Ikkunsidrat**

Illi l-intimat Farrugia ressaq eccezzjoni wahda principali, ossija dik illi huwa wassal "fair information on a matter of public interest as contrasted with an interest which is due to idle curiosity or a desire for gossip", kif jghid il-Gately. Huwa imbghad isahhah tali eccezzjoni billi jghid illi huwa, bhala gurnalist, qed id-dover tieghu fis-socjeta demokratika.

Illi, fix-xhieda tieghu, l-intimat, illi ma jizvelax minn fejn gab il-kopja ta’ l-istqarrija tal-Pulizija, dritt illi del resto huwa ghandu, jghid illi meta huwa ppubblika l-artikolu, huwa ma ikkomunika ma hadd - lanqas ma min kien ghamel l-istqarrija mal-Pulizija, jigifieri l-intimat l-iehor Joseph Said.

Kif qalet ben tajjeb l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza meqjusa taghha "Onor David Agius vs Aleks Farrugia" deciza fid-29 ta' Marzu 2010, liema sentenza l-intimati esebew sabiex jiggustifikaw ghaliex din il-Qorti ghandha tilliberahom peress illi l-Qorti tal-Appell kienet ghazlet li

taqleb id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tali Qorti tal-Magistrati kienet qalet:-

*"Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut ghandu d-dritt u l-obbligu bhala gurnalist li jinforma lill-pubbliku dwar affarijiet ta' materja pubblika, hu ma jistax jiddefama r-reputazzjoni ta' persuna ohra billi jghid li hija temmen li fil-Partit Politiku li thaddan hija qed tghid li hemm il-Korruzzjoni u b mod partikolari li hemm zewg ministri involuti meta dan mhux minnu."*

Ghalkemm id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati giet kontradetta mill-Qorti ta' l-Appell, din il-Qorti m'hijiex ser tidhol fl-iter kif u ghaliex tali Qorti tal-Appell ghazlet li tbiddel is-sentenza meqjusa u korretta tal-Qorti tal-Magistrati, u certament ma taqbel xejn ma certi kummenti u konkluzjonijiet illi tali Qorti ta' l-Appell, kif ippresjeduta, ghazlet illi tiehu. U huwa proprju ghalhekk illi hija ma hijiex ser tistrieh assolutament xejn fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, liema decizjoni halliet certament ferm aktar domandi milli risposti.

Illi, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Dr Louis Galea vs Joseph MIfsud deciza fit-3 ta Frar 2012,

*Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat.*
*Fil-fatt, fil-kawza Aquilina noe v. L-Avukat Generali et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni: "Fil-kawza Galea v. Mifsud, deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal- pubbliku in generali li jkun infurmat.*

*Intqal a propozitu li: “meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta’ interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl- ezami ta’ jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista’ jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta’ tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista’ jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)).”*

Minn naha l-ohra, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Caruana v. Mifsud, deciza fl-24 ta’ Settembru 2004:

*“Il-liberta` ta’ espressjoni m’hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz Bladet Tromso and Stensaas v. Norway (20 ta’ Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

*“Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it “duties and “responsibilities”, which also apply to the press. These “duties and responsibilities” are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the “rights of others”...by reason of “duties and responsibilities” inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and*

*reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)"*

Din il-Qorti, kif gia esprimit ruhha f'sentenzi ohra, qieghda hemm sabiex tassikura illi l-bilanc bejn d-dritt ta' l-informazzjoni u d-dritt illi tigi protetta l-integrita' ta' persuna tigi mizmuma u rispettata mill-mezzi kollha tal-media, u meta stejjer jigu rrappurtati u huma rizultat ta' gurnalizmu investigattiv serju, il-Qorti dejjem ser tkun hemm biex tipprotegi lill-gurnalist illi verament ikun qieghed jaqdu dmiru kif suppost u, bil-kliem li jura l-istess intimat Farrugia fl-eccezzjonijet tieghi "ma jkun ghamel xejn aktar hlief qeda id-dover tieghu f'socjeta demokratika".

Madanakollu, fil-kaz in ezami, jidher car illi l-intimat Farrugia naqas minn tali dover lejn ic-cittadin, forsi rizultat tal-fatt illi l-elezzjonijiet kienu biss ftit gimgat il-boghod, u ghazel illi jippubblika storja mimlija allegazzjonijiet li ma kellu ebda korroborazzjoni dwarhom, salv dak li kien qieghed jghid Joseph Said, persuna certament ftit affidabbli, minghajr ma biss ghamel l-indagini kollha u/jew ottjena il-kummenti tal-persuni illi dwarhom kien qieghed jaghmel l-allegazzjonijiet.

L-intimat ipprova jipprotegi lilu nniffsu billi qal:-

"Jiena ghamilta cara illi dawna kienu biss allegazzjonijiet u fl-ebda hin ma ridt naghti wiehed x'jifhem illi dawn kienu allegazzjonijiet li kienu ppruvati u dan fuq l-artikolu li hu meritu tal-kawza tallum"

Il-Qorti ma tistax taccetta tali tip ta' argument biex jipprova jiskolpa lilu nnifsu mill-hsara illi huwa ghamel lill-persuni li fuqhom ghazel illi jaghmel l-allegazzjonijiet. Il-Qorti ma tistax ma xxebbahx lill-intimat ma' tifel zghir illi tefa gebla ma tieqa biex jigbed l-attenzjoni ta' xi hadd izda, wara li kisser it-tieqa bhala rizultat tal-gebla illi huwa tefa, issa qed jipprova jghid illi mhux huwa kisser it-tieqa izda il-gebla li tefa kissritha! La darba huwa ghazel illi jaghmel l-allegazzjonijiet illi ghamel, issa jenhtieg illi huwa jirrispondi ghalihom.

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx pjenament mal-kumment maghmul fis-sentenza "Onor David Agius vs Aleks Farrugia" deciza fid-29 ta' Marzu 2010, meta dina qalet:-

*"Is-serjeta titlob li jkun hemm starrig serju minn naha tal-gurnalist, qabel ma jaqbad u jitfa it-tajn ghaliex il-konsegwenzi jistghu jkunu serji".*

Illi ghalhekk l-intimat Alex Farrugia huwa certament responsabbli ta' dak illi gie ppubblikat fil-gazzetta it-Torca meritu tal-kawza odjerna, u huwa ghandu jirrispondi ghaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi, meta l-Qorti tigi biex tikkunsidra d-danni illi ghandhom jigu kkundannati, hija ghandha tara ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kemm dawk illi jistghu jimmitigaw tali danni, kif ukoll dawk illi jistghu jaggravaw tali danni.

Issa, fil-kaz in ezami, ir-rikorrent huwa figura pubblika u politika, u ghalhekk, kif gia gie stabbilit aktar il-fuq, l-persuna pubblika jew fil-politika ghanda tissaporti kritika ferm aktar gholja minn persuna privata.

Minn naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-artikolu meritu tal-kawza odjerna gie ippubblikat fil-gimghat qabel l-elezzjoni generali tal-2008, u ghalhekk, il-persuni illi dwarhom saru l-allegazzjonijiet kienu fl-ahhar girja qabel l-elezzjoni b'mod illi kull haga negattiva illi tinghad dwarhom f'tali perjodu ikollha riperkussjonijiet ferm aktar serji minn meta jinghaddu meta l-klima politika tkun kalma.

Kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza Agius vs Farrugia fuq citata,

*Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' danni, dawn ghandhom jigu likwidati a proporzjon tal-gravita tal-ingurja tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

*Evidentement il-latidudini moghtija lill-istampa hielsa ghall-kritika u kummenti fuq materja t'interess pubbliku, fejn iktar ma hi gholja l-figura pubbliku fil-mira tal-gurnalist, iktar hija t-toleranza koncessa, iggib maghha minn naha l-ohra obbligu ikbar ta' cirkospezzjoni u ta' serjeta b'konsegwenza li fejn jirrizulta eccess tal-limiti koncessi, r-responsabilita ghal tali nfrazzjoni tkun ikbar.*

Kif gie rilevat fil-kawza 'Carmel Tonna vs Felix Tonna' deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-trlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 1993, il-Qorti kienet irriteniet li:-

*"L-azzjoni ta' libel, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni tenut kont tal-ingurja, il-gravita taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista tiggenera."*

Fis-socjeta tallum, fejn il-flus jidher illi ma ghandhomx aktar il-valur misthoqq, jidher illi l-unika mod kif jista jinghadda l-messagg lill-kull min juza il-mezzi tal-media u jghix minn fuqhom sabiex huma juzaw tali mezzi b'cirkospezzjoni u serjeta' u jassikuraw li lic-cittadin jaghtuh informazzjoni korretta u gusta hija illi l-persuni li jabbuzaw minn tali mezzi jinghataw danni li jisthoqqilhom, mhux biex jigu mcahhda milli jesprimu l-fehmiet taghhom, izda biex jifhmu li meta huma jaghzlu illi jhammgu lill-persuna minghajr ma ghandhom ebda hjiel ta' prova kontra taghhom, allura hemm il-konsegwenzi.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u rat id-dokumentazzjoni kollhaipprezentata.

Wara illi rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern.

Wara illi qieset il-fatti kollha;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi;

Tilqa l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Joseph Said filwaqt illi tastejni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra ta' Said u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju

Tichad l-eccezzjonijet kollha ta’ l-intimat Alexander Farrugia u

Tilqa t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-konvenut Alexander Farrugia ihallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' hames t’elef Euro (€5,000)

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu ta’ l-intimat Alexander Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------